Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,701, 6 ta' Novembru, 1998
Taqsima B

A.L. 246 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fil-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija, 1998

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fil-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija, 1998.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.; u

"il-Fakulta'" tfisser il-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1993 jew wara.

Reġistrazzjoni

3. Applikazzjonijiet għall-Kors jistgħu jiġu aċċettati minn:

(a) studenti rreġistrati għall-kors li jwassal għall-grad ta' Master of Philosophy fil-Fakulta' u li temmew ħmistax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* u li jitħallew jaqilbu għall-Grad mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord; u

(b) applikanti li għandhom grad ta' Master rilevanti rikonoxxut għal dan il-għan mis-Senat.

Il-Format u l-Preżentazzjoni tat-Teżi

4. It-teżi għandha tkun miktuba bl-Ingliż.

5. L-istudenti huma meħtieġa jipprezentaw sunt qasir tat-teżi tagħhom, ta' mhux aktar minn 300 kelma, ma' kull kopja tat-teżi li tingħata lill-Universita'.

6. L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu tliet kopji tat-teżi għall-eżami li għandhom ikunu llegati kif xieraq. Fi żmien tlett xhur wara li jgħaddu mill-eżami tat-teżi, u qabel l-għoti tal-Grad, l-istudenti għandhom jissottomettu tliet kopji tat-teżi llegati kif ġej:

Il-qis tal-karta: A4 (11.7" x 8.3")

Il-marġni: 1.5" fuq ix-xellug biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu llegati

Il-legatura: Art vellum jew drapp: *overcast*; it-trufijiet mhux maqtugħin; b'ittri skuri u bid-deheb fuq id-dahar (1.25" sa 0.5")

Għandha tinkludi: il-Grad, id-Data, l-Isem ta' l-Istudent.